



2024/1617

7.6.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1617

tas-6 ta' Ġunju 2024

**li jagħmel importazzjonijiet ta' diossidu tat-titanju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina
soġġetti għar-reġistrazzjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbet, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ("in-notifika tal-bidu"), il-bidu ta' proċediment anti-dumping ("il-proċediment anti-dumping") fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni tad-diossidu tat-titanju (" TiO_2 "), li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ"), wara lment ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2023 mill-Koalizzjoni Ewropea *Ad Hoc* tad-Diossidu tat-Titanju ("ETDC" jew "l-ilmentatur") fisem produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tat- TiO_2 .

1. PRODOTT SOĠĠETT GħAR-REĠISTRAZZJONI

- (2) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa d-diossidu tat-titanju, li għandu l-formula kimika TiO_2 , f'kull forma, bħala ossidi tat-titanju jew f'pigmenti u preparazzjonijiet ibbażati fuq id-diossidu tat-titanju, li fih minimu ta' 80 % skont il-piż ta' diossidu tat-titanju kkalkulat fuq il-materja niexfa, li għandu t-tipi kollha ta' daqsijiet tal-partikoli, ikklassifikat taħt in-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratti Kimiċi (CAS RN) 12065-65-5 u 13463-67-7, li joriġina mir-RPĊ.
- (3) Il-prodott ikkonċernat bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM ex 2823 00 00 u 3206 11 00 (il-kodiċijiet TARIC 2823 00 00 10 u 2823 00 00 30).

2. TALBA

- (4) L-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku fl-ilment, u tenna t-talba b'aktar argumentazzjoni fis-sottomissjonijiet fit-8 ta' Marzu 2024, fit-3 ta' April 2024, u fit-23 ta' April 2024. L-ilmentatur talab li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni sabiex sussegwentement ikunu jistgħu jiġu applikati miżuri kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni. Diversi partijiet interessati għamlu sottomissjonijiet li jopponu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, li huma deskritti u indirizzati fit-taqsimiet rilevanti hawn taħt.

3. RAĠUNIJET GħAR-REĠISTRAZZJONI

- (5) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista' titlob lill-awtoritajiet tad-dwana jieħdu l-passi meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu sussegwentement applikati fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni. L-importazzjonijiet jistgħu jsiru soġġetti għar-reġistrazzjoni wara talba mill-industrija tal-Unjoni li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika din l-azzjoni.
- (6) Skont l-ilmentatur, ir-reġistrazzjoni hija ġġustifikata peress li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku huma ssodisfati. B'mod partikolari, l-ilmentatur argumenta li l-prodott ikkonċernat kien qed ikun oġġett ta' dumping fl-Unjoni f'volumi dejjem akbar wara l-bidu tal-proċediment, li kkawża ħsara sinifikanti lill-industrija tal-Unjoni u dgħajfef l-effett rimedjali tad-dazji definittivi potenzjali.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj>.

- (7) Il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza għad-dispożizzjoni tagħha fid-dawl tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni vverifikat jekk l-importaturi kinux konxji, jew jekk kellhomx ikunu konxji, mid-dumping fir-rigward tal-livell tad-dumping u d-dannu allegat jew misjub. Hija analizzat ukoll jekk kienx hemm żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta seħħet u l-volum u ċirkostanzi oħra, x'aktarx iddghajef serjament l-effett ta' rimedju tad-dazju antidumping definittiv li għandu jiġi applikat.

3.1. Il-konoxxenza tal-importaturi dwar id-dumping, il-livell tiegħu u d-dannu allegat

- (8) Bosta partijiet interessati sostnew li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' dumping minħabba li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ kienu qed jogħlew matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (9) Filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet huma tabilħaqq element wieħed fl-analiżi, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ qed ikunu oggħett ta' dumping. B'mod partikolari, l-ilmentatur ipprova evidenza dwar il-valur normali bbażat fuq il-kost totali tal-produzzjoni flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi u għall-profitti, abbażi tal-għażla tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv.
- (10) L-evidenza ta' dumping hija bbażata fuq tqabbil tal-valur normali b'hekk stabbilit, mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Kumplessivament, u meta titqies il-portata tal-marġnijiet ta' dumping allegat li jvarjaw minn 42 % sa 66 %, f'dan l-istadju din l-evidenza tipprovdi appoġġ biżżejjed li l-produtturi esportaturi jwettqu dumping. L-ilment ipprova wkoll biżżejjed evidenza tad-dannu allegat. Din l-informazzjoni kienet tinsab fin-notifika tal-bidu għal dan il-proċediment ippubblikata fit-13 ta' Novembru 2023.
- (11) Permezz tal-pubblikazzjoni tan-notifika tal-bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-importaturi ġew akkonoxxenza, jew tal-anqas kellhom ikunu akkonoxxenza tad-dumping. In-notifika tal-bidu hija dokument pubbliku aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari l-importaturi. Barra minn hekk, bħala partijiet interessati fl-investigazzjoni, l-importaturi għandhom aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li, f'dak il-mument, l-importaturi kienu akkonoxxenza, jew kellhom ikunu akkonoxxenza, tal-prattiki allegati ta' dumping, il-livell tagħhom u d-dannu allegat.

3.2. Żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet

- (12) Fit-talba tiegħu għar-reġistrazzjoni mit-8 ta' Marzu 2024, l-ilmentatur sostna li kien hemm żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet wara l-bidu tal-investigazzjoni abbażi tad-*data* tal-esportazzjoni lejn l-UE rrapportata mill-Amministrazzjoni Doganali Ġenerali taċ-Ċina (General Customs Administration of China, GCAC). Din id-*data* kienet disponibbli sa Diċembru 2023 biss. Fis-sottomissjoni sussegwenti li saret fit-3 ta' April 2024, l-ilmentatur ikkomplementa dawk iċ-ċifri b'*data* dwar l-esportazzjoni għal Jannar 2024, ippubblikata wkoll mill-GCAC, u għal Frar 2024 minn IHS u S&P Global. Tali *data* tabilħaqq uriet żieda fl-importazzjonijiet fil-perjodu ta' tliet xhur wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni (Diċembru 2023 – Frar 2024) meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena ta' qabel, kif ukoll żieda gradwali fuq xahar qabel, bi tnaqqis żgħir fi Frar 2024 meta mqabbel ma' Jannar 2024.
- (13) Partijiet oħra għamli sottomissjonijiet li qabblu d-*data* tal-importazzjoni minn perjodi differenti biex juru li ma hemm l-ebda żieda reali fl-importazzjonijiet. B'mod simili, xi wħud minn dawk il-partijiet sostnew ukoll li ż-żieda minn xahar għal xahar fl-importazzjonijiet osservata fit-tliet xhur ta' wara l-bidu, meta mqabbla max-xhur preċedenti, kienet dovuta għall-istaġjonalità tas-soltu tad-domanda għat-TiO₂ u ma setgħetx tiġi interpretata bħala żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet biex tiġi ġustifika r-reġistrazzjoni.
- (14) Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni tagħha stess abbażi ta' *data* kompluta u aġġornata disponibbli fil-bażi tad-*data* Comext (Eurostat).

- (15) Abbażi tad-*data* disponibbli, il-Kummissjoni qabblet il-livell tal-importazzjonijiet mill-ewwel tliet xhur sħaħ wara li nbdiet l-investigazzjoni (Diċembru 2023 sa Frar 2024) mal-volumi korrispondenti ta' importazzjonijiet fl-istess perjodu fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (16) Id-*data* tal-Eurostat tipprowdi analiżi sħiħa tal-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni. L-importazzjonijiet mir-RPĊ żviluppaw kif ġej:

Importazzjonijiet mir-RPĊ — minn Diċembru sa Frar imqabbla mas-sena ta' qabel

| | Diċembru 2022–Frar 2023 | Diċembru 2023–Frar 2024 | Medja ta' kull xahar Diċembru 2022–Frar 2023 | Medja ta' kull xahar Diċembru 2023–Frar 2024 | Bidla |
|---|----------------------------|----------------------------|--|--|-------|
| Importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni (tunnel-lati) | 40 326 | 49 195 | 13 442 | 16 398 | +22 % |

Sors: COMEXT (Eurostat).

- (17) F'dan l-istadju tal-investigazzjoni, u abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni nnotat li jista' jkun hemm xi staġjonalità fid-domanda tal-Unjoni għat-TiO₂, matul is-sena. Għalhekk, filwaqt li l-importazzjonijiet medji fix-xahar fl-ewwel tliet xhur sħaħ wara li nbdiet l-investigazzjoni juru tnaqqis ta' 6 % meta mqabbla mal-importazzjonijiet medji fix-xahar għall-perjodu kollu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-metodu fit-Tabella hawn fuq, li jqabbel il-perjodu ta' tliet xhur wara l-bidu tal-każ mal-istess perjodu fil-perjodu ta' investigazzjoni, fi kwalunkwe każ huwa aktar xieraq għall-valutazzjoni ta' żieda fl-importazzjonijiet.
- (18) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset l-argumenti biex tibbaża fuq l-istatistika tal-esportazzjonijiet Ċiniżi biex tiddetermina żieda fl-importazzjonijiet bħala irrilevanti, peress li l-Kummissjoni setgħet tuża d-*data* tal-importazzjoni tal-Eurostat biex tanalizza l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni.
- (19) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li ċ-ċifri fit-Tabella hawn fuq juru żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet.

3.3. Imminar tal-effett rimedjali tad-dazju

- (20) Il-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza għad-dispożizzjoni tagħha li tkomplija taż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezzijiet li jkomplu jonqsu tikkaġuna dannu addizzjonali.
- (21) Kif stabbilit fil-premessi (16) sa (19), hemm biżżejjed evidenza ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, l-ilment kien fih biżżejjed evidenza tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Matul il-perjodu kkunsidrat meħud fl-ilment, l-indikaturi ewlenin kollha tad-dannu kienu qed jonqsu. Il-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni waqgħet minn profitabbiltà b'saħħitha ta' + 10,2 % għal telf ta' -3,1 %, hekk kif il-volumi tal-bejgħ, l-utilizzazzjonijiet tal-kapaċità, is-sehem mis-suq, u l-fluss tal-flus tagħha kollha naqsu. Għalhekk, skont l-evidenza disponibbli għall-Kummissjoni, kwalunkwe żieda bħal din fl-importazzjonijiet tista' timmina b'mod sinifikanti l-effett rimedjali tad-dazji potenzjali billi tkompli tagħmel ħsara lill-industrija tal-Unjoni.
- (22) Barra minn hekk, hemm evidenza ta' xejra ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat wara l-bidu tal-investigazzjoni. It-tqabbil tal-prezz medju tal-importazzjoni fit-tliet xhur wara l-bidu tal-każ (EUR 2,14/kg) mal-prezz medju tal-importazzjoni fl-istess perjodu fil-perjodu ta' investigazzjoni (EUR 2,37/kg) weraw li l-prezz medju tal-importazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Unjoni naqas b'10 %.

- (23) Waħda mill-partijiet sostniet li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma setgħux ikunu qed jimminaw l-effett rimedjali tad-dazju, minħabba li l-prezzijiet Ċiniżi kienu qed jiżdiedu f'kull xahar wara l-bidu tal-każ. Id-*data* tal-Eurostat tabilħaqq turi li l-prezzijiet tal-importazzjoni tat-TiO₂ żdiedu minn EUR 2,11/kg f'Diċembru 2023 għal EUR 2,17/kg fi Frar 2024, jew żieda ta' ftit inqas minn 3 %. Madankollu, kif indikat fil-premessa ta' hawn fuq, kien hemm tnaqqis ta' 10 % tal-prezz medju tal-importazzjoni osservat fit-tliet xhur wara l-bidu tal-każ meta mqabbel mal-istess perjodu fil-perjodu ta' investigazzjoni. Konsegwentement, il-pretensjoni ġiet rifjutata.
- (24) Barra minn hekk, l-ilment kien ibbażat fuq analiżi tad-*data* tas-suq ta' parti terza li pprevediet li l-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża tat-TiO₂ fl-2023 se tkun ta' [4,9–5,1] miljun tunnellata, li huwa aktar mid-doppju tal-konsum domestiku Ċiniż, u [70–80] % tal-konsum globali totali. Għalhekk il-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza f'dan l-istadju ta' kapaċità żejda fir-RPĊ.
- (25) Iż-żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet wara l-bidu tal-każ għalhekk x'aktarx, fid-dawl taż-żmien u l-volum tagħha, il-prezz baxx ta' dawk l-importazzjonijiet, u ċirkostanzi oħra (bħall-kapaċità żejda fir-RPĊ), timmina serjament l-effett rimedjali ta' kwalunkwe dazju definittiv.

3.4. Konklużjoni

- (26) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa xieraq li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

4. PROĊEDURA

- (27) Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li dawn jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn dawn jenħtieġ li jinstemgħu.

5. REĠISTRAZZJONI

- (28) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-reġistrazzjoni bl-iskop li jiżguraw li, f'każ li l-investigazzjonijiet jirriżultaw f'konklużjonijiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jistgħu, jekk il-kundizzjonijiet neċċessarji jkunu ssodisfati, jiġu imposti b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.
- (29) Kull obligazzjoni fil-futur tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjoni anti-dumping.
- (30) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob li jingħata bidu għal investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġnijiet tad-dumping ta' bejn 42 % u 66 % u livell medju ta' eliminazzjoni tad-dannu ta' 31 % għall-prodott ikkonċernat. L-ammont ta' responsabbiltà possibbli fil-futur jista' normalment jiġi stmat fil-livell tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu stmat fuq il-bażi tal-ilment, jiġifieri 31 % *ad valorem* tal-valur tal-importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat. Madankollu, jekk il-Kummissjoni ssib li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) u 7(2b) tar-Regolament bażiku huma ssodisfati, jiġifieri li l-marġni ta' dumping jista' jitqies li jirrifletti d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, l-ammont ta' obligazzjoni possibbli fil-futur jista' jiġi stabbilit fil-livell tal-marġni ta' dumping ta' 66 %, skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku.

6. PROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

- (31) Kwalunkwe *data* personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(²),

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni tad-dioossidu tat-titanju, bil-formula kimika TiO_2 , fil-forom kollha, bħala ossidi tat-titanju jew f'pigmenti u preparazzjonijiet ibbażati fuq id-dioossidu tat-titanju, li fihom minimu ta' 80 % skont il-piż ta' dioossidu tat-titanju kkalkulat fuq il-materja niexfa, li għandu t-tipi kollha ta' daqsijiet ta' partikoli, ikklassifikati taħt in-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratti Kimiċi (CAS RN) 12065-65-5 u 13463-67-7, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 2823 00 00 u 3206 11 00 (kodiċijiet TARIC 2823 00 00 10 u 2823 00 00 30) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.
2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien 21 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN